Kunsill Lokali Marsaskala
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

Minuti tal-laqgħa Nru : **21** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala Nhar **it-Tnejn 26 ta'Mejju 2014 fis-6.00p.m.**

## L-Ewwel Seduta

| | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sinjorina Desiree` Attard |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sinjura Elisabeth Cassar<br>Is-Sur Charlot Mifsud<br>Is-Sur Charlot Cassar<br>Is-Sur Sandro Gatt<br>Is-Sur Daniel Spiteri<br>Is-Sur john B. Camilleri |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Skrivana | Is-Sinjura Lucille Bonnici |

### *Aġenda*

1. Konsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 19 and 20.
2. Punti li joħorġu mill-Minuti.
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill.
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Aġġudikazzjoni ta' Kwotazzjoni u Sejħa għall-Offerti
   MLC 02/2014 – Supply of Exterior Wall Paint (Żebgħa tar-Ramel).
   KLM 2014/02 – Street Sweeping and Grass in Non Urban Roads
6. Approvazzjoni tar-Rapport ta' kull kwart Jannar sa Marzu 2014
7. Mistoqsijiet.
8. Mozzjonijiet.
9. Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.
10. Aġġornament.

Mayor
Mario Calleja

Vice Mayor
Desiree` Attard

Councillors
John Baptist Camilleri
Charlot Mifsud
Charlot Cassar
Elisabeth Cassar
Lawrence Ciantar
Daniel Spiteri
Sandro Gatt

Executive Secretary
Josef Grech

1.0 ***Qari w approvazzjonital-Minuti :***

1.1 **Laqgħa Nru 19(1) tat-22 ta' Mejju 2014:**

1.1.2 Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi paġna 11 artiklu 8.5 l-aħħar paragrafu għandu jinbidel u jinqara kif ġe:

*"Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi kif beda jara il-kalkulazzjonijiet illi għamel il-perit fuq dawn il-kuntratti jidher li mhux maħdumin sew peress li x-xibka fil-bankina mhux soltu tintuża u apparti minn hekk il-bord ma kienx wasal għal konklużjoni ta' min kien ġie fit-tieni u t-tielet post li dan peress li l-kunrattur Karmig ma kienx issottometta l-list of Machinery and Equipment".*

***Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ippropona l-approvazzjoni tal-minuti kif emendati u l-Kunsilliera s-Sinjura Elisabeth Cassar issekondat. Il-votazzjoni kienet 6 favur, 0 kontra u 0 astensjonijiet***

***Il-minuti ġew unanimament approvati kif emendati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.***

❖ ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar daħal għal laqgħa fis-6.15pm***

1.2 **Laqgħa Nru 20(1) tad-29 ta' April 2014:**

1.2.1 Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

***Il-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar issekondat l-approvazzjoni tal-minuti u l-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt issekonda. Il-votazzjoni kienet 4 favur, 0 kontra u 3 astensjonijiet minħabba illi l-Kunsilliera is-Sur John B. Camilleri, is-Sur Charlot Cassar u is-Sur Charlot Mifsud ma kienux preżenti għal din il-laqgħa.***

***Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.***

2.0 **Punti li joħorġu mill-Minuti:**

2.1 **Laqgħa Nru 19(1) tat-22 ta' April 2014:**

2.1.2 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa rigward artiklu #8.5 ta' paġna 11, jekk kienx hemm xi xi żvilupp.

Is-Sindku wieġbu illi l-kuntrattur attwali ser jagħmel il-biċċa l-kbira tax-xogħol li jrid ċertu attenzjoni. Huwa żied jgħid illi rigward it-tiswija tal-bankini sakemm ma tkunx xi biċċa xogħol kbira jistgħu jagħmluha l-ħaddiema tagħna, fil-fatt għada kemm saret biċċa bankina fi Triq il-Lampuka.

❖ ***Il-Viċi Sindku is-Sjnjorina Desiree Attard daħlet għal-laqgħa fis-6.18pm***

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camillier qal illi l-importatni illi l-bankini jsiru sew.

P.R.O

2.1.3 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri nforma lill-Kunsilliera fuq paġna 3 artiklu nru 2.1.4. Huwa spjega illi hu kien ikkomunika mal-~~President~~ tal-Għaqda Mużikali Sant'Anna sabiex jitkellmu. Il-President kien qallu mill-ewwel illi jekk l-ammont ser jkun inqas minn €1500 allura ma hemm diskussjonijiet x'jsiru.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal li kien ta' l-opinjoni li l-ittra li ntbgħatet kellhom jarawa l-Kunsilliera qabel ma tinbagħat u hu talab sabiex ittri bħal dawn dejjem jarawhom il-Kunsilliera qabel.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi huwa bagħat l-ittra skond id-deċiżjoni li kien ħa l-Kunsill u li ma kienx hemm deċiżjoni fis-seduta li tali ittra kellhom jarawha l-Kunsilliera qabel ma tintbagħat.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar talab sabiex jara l-ittra li ntbgħatet, fejn ingħatatlu kopja tal-ittra li ntbgħatet.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li hija ħasra illi li għandha banda u ma nużawix, iżda jifhem ukoll illi l-Kunsill huwa marbut bl-ammont tad-*direct order*.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li huwa ukoll kien kellem lil kaxxier ta' din l-għadqa fejn kien qallu illi jekk jagħmlu marċ minflok banda għandu jkun biżżejjed l-ammont tad-*direct order*.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal li fl-opinjoni tiegħu għandna nitolbu laqgħa ma din l-għaqda sabiex tiġi diskussa aħjar din il-materja.

Il-Kunsill qabel unanimament illi niktbulhom sabiex jagħtuna żewġ dati tentattivi sabiex issir laqgħa magħhom.

2.1.4 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal fuq paġna 3 punt nru 2.1.6, fejn qal illi fil-latrina ta' taħt il-knisja qed jkun hemm xi persuni li qed jaħdmu fil-laneċ li hemm faċċata illi qed jidħlu jaħslu jdejhom u saqajhom u qed iħammġu l-latrina. Huwa żied jgħid illi ġieli jmur jagħmel spezzjoni u jsib il-latrini nodfa. L-uniku ħaġa hija li l-ħin stipolat fil-kuntratt, mhux dejjem qed jinżamm.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi dan ix-xahar din il-latrina saritilha manutenzjoni fuqha.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi madwar xi ġimgħa ilhu l-istess persuna li kienet ilmentat, kien qallu illi meta reġa mar fil-latrina kien saba nadifa.

2.1.5 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri rrimarka rigward paġna 4 atiklu 2.1.7 fejn qal illi l-bord tal-*magazine* kien paċenzjuż ħafna mal-Kunsilliera sabiex jibagħtu l-artiklu tagħhom u kemm il-darba jibagħtilhom *reminders* għall-artiklu.

2.1.6 Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt staqsa fuq paġna 1 punt nru 8.2 jekk konniex bagħtna l-ittri.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi konna bagħtna lill-Lands department fejn min-naħa tagħhom kien infurmawna illi din l-art kienet privata u għaldaqstant bagħtna l-ittra lil Puluzija minħabba l-periklu pubbliku ġo art privata.

Is-Sindku qal li hu jiltaqgħa darba f'xahar mal-Ispettur tal-Puluzija li qiegħed jieħu ħsieb il-lokal tagħna, fejn kien qallu bil-problema li hemm bl-abbandun tal-Jerma. Huwa żied jgħid illi min-naħa tal-Puluzija kienu ħadu l-passi billi ikkuntattjaw lis-sidien li għandhom jagħlqu l-aċċessi għas-sit.

Is-Sindku kompla jispjega illi hu kien iltaqa mas-sidien tal-ekx Jerma Palace u qalulu illi meta kienu xtraw din il-propjeta` kienu għalqu d-dawra bil-*fencing* iżda l-għada dan il-*fencing* ġie misruq kollu. Huwa żied jgħid illi dawn il-propretarji kienu qalulhom li qed jistennew il-permessi neċessarji qabel ma jsir l-iżvilupp u sadanittant ser jingħalqu l-entraturi. Huwa qal illi min nformazzjoni li tawh mhux ser jsiru appartamenti iżda lukanda u villel lussużi. Huwa qal ukoll illi t-triq mhux ser tingħalaq iżda jista jagħti l-każ li t-triq tiġi taħt l-art.

Is-Sindku qal li huwa tal-fehma illi l-*press conference* għanda issir wara li jingħalqu l-entraturi.

Il-Kunsillier Charlot Mifsud staqsa minn ser jneħħi l-ħmieġ li hemm.

Is-Sindku wieġbu illi rigward il-ħmieġ taqa taħt ir-responsabbilta` tas-sidien li jnadfuħ.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li għandna nitolbu lil-MEPA biex naraw jekk hemmx xi applikazzjoni.

Il-Kunsill qabel illi niċċekjaw mal-MEPA.

Is-Sindku qal illi huwa tal-opinjoni illi għal laqgħa li jmiss nistidnuwhom sabiex jattendu u nistaqsuhom l-affarijiet kollha li hemm bżonn.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nistiednuhom għal laqgħa li jmiss.

❖ ***Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri daħal għal-laqgħa fis-7.00p.m***

2.2 **Laqgħa Nru 20(1) tad-29 ta' April 2014:**

2.2.1 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq iz-Zumba.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi l-lezzjonijiet taz-Zumba qed jsiru ġewwa l-klabb tal-boċċi, fejn min-naħa tagħhom ser jibagħtu talba għal-ħlas ta' €100 għal 5 lezzjonijiet peress illi dan il-klabb jkun miftuħ biss għal dawn il-lezzjonijiet.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa jekk aħna rridu nħallsu għal lezzjonijiet ukoll.

Il-Kunsillier is-sur Daniel Spiteri wieġbu illi aħna ma rridux inħallsu għal-*instructor* iżda għal kiri tal-post biss.

3.0 ***Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill:***

3.1 **Reċipjent ta' l-iskart fi Triq ix-Xatt:**

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi xtrajna 6 reċipjenti ta' l-iskart ġodda għal Triq ix-Xatt u ġew tajbin ħafna.

3.2 **Case No 382/14: Problema b'kuntratt mal-Kunsill Lokali Marsaskala (35/2477/14/I):**

Din il-materja ġiet diskussa iktar kmieni f'din il-laqgħa l-kuntratt ser jibqa jiġi onorat mill-istess kuntrattur, rigward il-kuntratt tal-manutenzjoni tal-bankini.

3.3 **Kwerela lill-Puluzija fuq kummenti dispreġġjattivi u malafamanti fuq blog fil-konfront tas-Sindku:**

Is-Sindku spjega illi dan l-aħħar kien ċempillu is Sur Victor Vella ġurnalist tal-Orizzont fejn staqsieh jekk xtaqx li jikkummenta fuq interpellanza fil-Parlament minn l-Onor Karm Mifsud Bonnici. Is Sindku rrisponda fl-affermattiv u għadda l-kummenti kostruttivi għal-lokal u xejn personali kontra l-Onor. Karm Mifsud Bonnici. Bħal ħafna ġurnalisti, s-Sur Victor Vella poġġa l-artiklu tiegħu fuq il-blog. Is-Sindku kompla jgħid li xi ħadd mhux magħruf għalih beda jgħaddi kummenti xejn sbieh fil-konfront tas-Sindku u dan ma kellhom x'jaqsmu xejn mas-suġġett, iżda sa hemm ma ġara xejn u injorah iżda meta kompla żid illi kien hemm xi taħwid fit-*tenders* ma setgħax ma jinfurmax il-Pulizija b'dan kollu. Is-Sur Camilleri ġie nterrogat mill-Pulizija u ser jittieħdu passi kriminali kontra tiegħu fi stadju ulterjuri.

3.4 **Informazzjoni mingħand Green Mt għall-ammont dovut lill-Kunsill:**

Is-Segretarju Eżekuttiv beda biex jispjega illi l-ammont dovut mill-Green Mt għas-sena 2013 huwa ta' €3279.78 u li ser jittieħdu f'bankijiet.

Is-Sindku talab lis-Sur Joe Attard tal-Green Mt li kien preżenti sabiex jispjega aħjar l-informazzjoni provduta.

Is-Sur Joe Attard qal li fl-aħħar laqgħa li kellu mas-Sindku fis-17 t'April 2014 tkellmu fuq il-bankijiet li għad jridu jitwaħħlu. Huwa żied jgħid li s'issa twaħħlu 63 bank. Huwa kompla jispjega illi l-ammont dovut jinħadem fuq l-*administration fee* u fuq it-tunnellaġġ żejjed.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġiebed l-attenzjoni illi l-informazzjoni mhux korretta għax taqra sa Ġunju 2013 meta l-kuntratt kien jiskadi fl-aħħar ta' Ottubru u għaldaqstant l-*administration fee* trid tinħadem sa l-aħħar ta' Ottubru 2013 u mhux sa l-aħħar ta' Ġunju 2013.

Is-Sur Joe Attard iċċekja l-kuntratt u qal illi ser tiġi aġġustata u terġa tintbgħat l-informazzjoni lill-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk l-informazzjoni tistax tinbagħat kull tlett xhur.

Is-Sur Joe Attard qal illi fuq il-*website* tal-Wasteserv jkun hemm id-data imniżżla pero` tvarja ftit mit-*data* tagħhom u għalkemm huma javżawhom xorta ma jemendawx dawn ir-rapporti.

Is-Sindku staqsa lis-Sur Attard meta ser jġibulna l-boroż il-griżi.

Is-Sur Attard wieġbu illi sal-ġimgħa d-dieħla għandhom jġibulna xi 200 pakkett.

Is-diskussjoni kompliet fuq il-ġbir tal-ħġieġ minn ġod-djar. Is-Sur Attard spjega li dawn jitpoġġew ġo kaxxa tal-kartun iżda l-kollettur jbattal il-ħġieġ u jerġa jħalli l-kaxxa f'posta.

Il-Kunsill qabel unanimament illi l-ġbir tal-ħġieġ mid-djar jsir fl-ewwel ġimgħa tax-xahar u navżaw lin-nies fil-magażin.

Il-Kunsill flimkien mas-Sur Attard qablu illi l-*bins tal-istainless steel* isiru propjeta` tal-Kunsill u għandu jiġi ffirmat *devolution agreement* dwar dan. Il-Kunsill ser jkun responsabbli mit-tbattil ta' dawn il-*bins* ukoll.

➢ ***Intalbet sospenzjoni tar-regolamenti***

6.0 ***Approvazzjoni tar-Rapport ta' kull kwart Jannar sa Marzu 2014:***

L-Accountat tal-Kunsill is-Sinjura Doreen Mintoff bdiet tispjega r-rapport ta' kull kwart.

6.1 Is-Sinjura Doreen Mintoff qalet illi fir-rigward tal-*patching* tat-toroq u bankini kien hemm ibbaġitjat €60,000 għas-sena kollha u s'issa nfaqna €91,000.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li apparti illi infaqna dan l-ammont kollu diġa iktar milli kien hemm ibbaġitjat għas-sena sħiħa għad irid jiġi ppreżentat kont Triq La Sengle li ser jammonta għal iktar minn €30,000 u allura x-xogħolijiet infrastrutturali għandhom jieqfu wara li titlesta din it-triq.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi fil-każ ta' Triq La Sengle l-kostruzzjoni tal-bażi tal-triq hija ħażina u għalkemm ser titħallas mill-fondi tal-Kunsill dik mhux suppost issir mill-fondi tagħna u allura għandna nitolbu lit-TM għar-rimbors tgħaha.

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

6.2 Is-Sinjura Doreen Mintoff infurmat lill-Kunsilliera illi rigward it-tabelli u s-sinjali il-Kunsill kien ibbaġitja €3,000 għall-ewwel tlett xhur u s'issa ntefqu €9,000.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni illi ma għandhomx jintbagħtu aktar *works orders* ħlief għal dawk il-każijiet urġenti.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tar-rapport tal-Kunsill.

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tar-rapport ta' kull kwart Jannar sa Marzu 14 u l-Kunsilliera s-Sur Daniel Spiteri ssekonda. Il-votazzjoni kienet 9 favur, 0 kontra u 0 astensjonijiet.***

3.5 **Reply to Management Letter for year 2013:**

Is-Segretarju Ezekuttiv preżenta kopja tar-*reply to management letter* għas-sena finanzjarja 2013 fejn qal illi din kienet l-ewwel darba illi l-Awdituri ma kwalifikawna għal xejn fir-rapport tagħhom u dan grazzi għax-xogħol impekkabli tal-*Accountant* tal-Kunsill is-Sinjura Doreen Mintoff.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni illi l-Awdituri kienu ġibdulu l-attenzjoni illi l-*performance bonus* ma kien ingħata lis-Sinjorina Mary Rose Sofia. Huwa kompla jispjega illi l-*performance bonus* ma kienx ingħata lilha minħabba l-fatt illi din talbet sabiex tittermina l-kuntratt qabel iż-żmien. Huwa kompla jgħid illi il-Kunsill jista jiddeċiedi jekk jagħtix *performance bonus* u kemm ngħatuha.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jingħata 6% bħala *performance bonus* lis-Sinjorina Mary Rose Sofia u dan ix-xogħol tajjeb li kienet tat waqt li ħadmet fil-Kunsill.

3.6 **Informazzjoni miġbura minn Solidbase kif ukoll il-Perit tal-Kunsill dwar il-pedament fejn hemm propost li se jsir il-pedament tal-Kunsill (35/2620/14/I):**

Il-Perit is-Sur Aaron Abela spjega illi qabel ma jkollna l-istima finali tal-bini u l-*finishing*s ridna naraw kemm ser jiswina sabiex nagħmlu l-pedament. Huwa zied jgħid illi qabbadna lil *Solidbase* fejn ittieħdu ħames postijiet u tħaffer 6 metri sal-pedament. Il-Perit qal illi skond ir-rapport mħejji minn Solidbase l-*piles* jridu jinżlu ġol-blat u għaldaqstant sabiex inkunu ngastati tajjeb ġol blat jrid jinżlu sa 8.5 metri u jridu jsiru madwar 21 *piles* għat-tip ta' kostruzzjoni li hemm ippjanata.

Il-Perit qal illi sabiex jsiru 21 *piles* l-ispiża ser tiġi bejn €110,000 u €130,000.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi irridu nkunu nafu l-binja kollha kemm ser tiswina għaliex jekk ser taqbeż il-€500,000 u rridu nieħdu *loan* hemm proċedura twila u anke l-possibilta` li jsir referendum.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi fl-opinjoni tiegħu rridu naraw kemm ser tiswa bħala binja sħiħa u wara niddeċiedu jekk finazjarjament jkunx aħar nibnu jew nixtru x'imkien ieħor.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li meta wieħed jikkunsidra l-Quaterly Report*rs* illi għandna kif approvajna u naraw illi għadna f'nofs is-sena u diġa nfaqna ammont kbir iktar minn dak li kien hemm ibbaġitjat u jekk ser nibnu l-bini u iktar u iktar nieħdu *loan* ma nistgħux nibqu għaddejjien b'dan l-infiq.

Il-Kunsillier is-Sur john B. Camilleri qal li l-aħjar l-istima tinqasam fi tlieta, l-ewwel waħda tal-pedament li nafu kemm ser jiswiena, it-tieni stima tal-bini u t-tielet stima tal-*finishings*.

Il-Kunsill qabel unanimament illi il-Perit jħejji tlett stimi separati.

3.7 **<u>Budget attivita` f'Settembru Atri fil-Beraħ, Jum Marsaskala u Iljieli Skalin:</u>**

Is-Sindku stieden lis-Sur Alfred Debono sabiex jispjega l-programm imħejji flimkien mal-budget għall-ativitajiet li se jsiru.

3.7.1 Is-Sur Debono beda biex jgħid illi Arti fil-beraħ ser issir fit-28 u 29 ta'Ġunju u ser ikun hemm madwar 36 esebitur. Huwa kompla jgħidi l-*budget* ma jistax jingħata għalissa għaliex għadu qed jistenna l-kwotazzjoni tad-dawl u s-*sound*, iżda għandna *sponsorship* ta' €1500 mill-Ministeru tat-Turiżmu u s-Segretarjat tal-Kunsill Lokali.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal li l-Kunsill Lokali żgħażagħ illi ser jieħdu sehem f'arti fil-beraħ u xtaqu li l-istampa illi ser tiġi printjata fuq it-*t shirts* jpinġuha huma u qed jitolbuna sabiex aħna nħallsu l-printing.

Il-Kunsill Lokali qabel dwar il-ħlas tal-printing.

3.7.2 Is-Sur Debono nforma lill-Kunsilliera illi fis-6 ta' Settembru ser jsiru l-attivitajiet tal-Iljien Skalin u fis-7 ta' Settembru ser issir l-attvita` ta' Jum Marsaskala. Huwa żied jgħid illi dawn il-fondi ser nġibuhom mingħand il-Gal Xlokk fejn l-ispiża ta' dawn iż-żewġ attivitjiet ser tiġi tiswa €15,304 filwaqt li t-talba kienet għal-€16,630 u għaldaqstant għad fadal ammont *extra* ta' €1,326.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa jekk il-banda tistax iddoqq f'wahda minn dawn l-attivitatjiet peress li għad fadal xi fondi.

Il-Kunsill qabel sabiex niċċekjaw mal-Gal Xlokk jekk nistgħux nużaw dawn il-fondi għal banda u l-ammont li jistgħa jintuża.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi fil-*budget* hemm li ser jiġi printjat *magazine* bil-postijiet storiċi u hu tal-fehma illi nippublikaw iktar minn 5800 kopja għaliex dan il-magażin jibqa utli.

3.8 **<u>Reklamar fuq il-Yellow Pages:</u>**

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex nerġu nippublikaw l-informazzjoni tal-Kunsill fuq il-yellow pages għas-sena 2014/2015.

3.9 **<u>Xogħol extra fi Ġnien San Tuma, trinka tal-Go u sabiex jinqalgħu l-arbli tad-dawl dekorattiv relatat mal-Proġett Measure 313:</u>**

3.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv beda biex jgħid illi hemm xi xogħol *extra* bħal PVC *boxes* ta' taħt il-bozoz li jrid isir fil-ġnien illi ma kienx hemm imniżżel fit-*tender u allura se jkollu* jitħallas mil-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi hu kien qallhom sabiex jitniżlu fit-*tender.*

Il-Kunsill qabel unanimament illi kien hemm xi kwistjoni teknika bejn il-kuntrattur u l-*contracts manager* u rriżulta li l-*PVC boxes* ma kienux ġew mniżżla.

3.9.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hemm madwar 26 arblu li jrid jinqalgħu u dawn tqal ħafna biex jinqalgħu sħaħ. Huwa żied jgħid illi fit-*tender* hemm imniżżel illi jinqalgħu sħaħ. Huwa kompla jispjega illi l-kuntrattur tgħana stima ta' €20 eskluż il-VAT għal kull arblu li jinqala bil-krejn u jiġi żarmat.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nħalsu għal kull arblu u dan sabiex il-Kunsill ikun jista jirrestawrahom u jwaħħalom f'postijiet oħra.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li madwar 20 minnhom għadhom tajbin u għandna nirristawrawhom u parti minnhom nistgħu npoġġuhom fi Triq iż-Żonqor minn bejn La Spigola u d-dar il-ħamra.

3.9.3 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi għandna bżonn illi nirristawraw il-fanali ta' Triq ix-Xatt qabel ma tkompli ssirilhom il-ħsara.

Il-Kunsill qabel illi nirristawraw l-arbli ta' Triq ix-Xatt filwaqt li kellha tintbagħat ittra lil MTA biex naraw jekk hemmx xi fondi.

3.9.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hemm bżonn li ssir trinka min-naħa tal-GO minħabba ic-CCTV li se taqsam it-triq u din ukoll trid issir għas-spejjeż tal-Kunsill. Dan ġie kkonfermat wara spezzjoni fuq il-post ma uffiċjali tal-GO fil-presenza tal-kuntrattur.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi għandna napplikaw għal *wifi* ukoll u l-*modem* jsir fil-kamra bħal m'hemm fi Pjazza Mifsud Bonnici.

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

3.10 **<u>Arblu fin-nofs fi Pjazza Mifsud Bonnici:</u>**

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri beda biex jispjega illi kien kellem resident fejn qallu illi minn meta l-MTA penġew il-linji gwida ma l-art sa fejn għandhom jinħarġu l-imwejjed u siġġijiet fil-bandli, hemm arblu illi meta jkun hemm l-imwejjed barra qed ikun fin-nofs li persuna b'*pushchair* jew persuna b'*wheel chair* ma tgħaddiex. Dan l-arblu qiegħed fil-passaġġ ta' bejn żewġ ristoranti.

Huwa kompla jispjega illi peress illi dan l-arblu jrid jiċċaqlaq allura għandna nitolbu stima ta' kemm ser jiswiwna.

Il-Kunsill qabel illi nġibu stima.

3.11 **Problema bil-latrini tal-Jerma:**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi kien hemm problema ta' l-ilma f'din il-latrina u solvejna il-biċċa l-kbira tagħha iżda għad hemm *leakage* minn ġewwa u l-kuntrattur li kien qed jaħdem qalilhom illi jrid jinbidel il-madum tal-latrina kollu.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi l-ispiża għal-latrina waħda ser titla għal-€7,000. Huwa żied jgħid illi huma jafu minn fejn hi l-problema u huwa tal-opinjoni illi tinqala faxxa madum waħda, titranġa l-ħsara u jinxtara madum abjad u jitwaħħal u tiġi bħala gost għaliex il-Kunsill bħalissa ma jistax jonfoq €7000 biex jirranġa latrina.

Il-Kunsill qabel dwar dan.

3.12 **Laqgħa mal-Onorevoli Buotempo nhar il-Ħamis 5 ta' Ġunju 2014 fid-9.30am:**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera illi nhar il-Ħamis 5 ta' Ġunju 2014 l-Onor Buontempo ġej il-Kunsill fid-9.30 sabiex jiltaqa mal-Kunsilliera u kullħadd huwa mistieden li jattendi.

3.13 **Fustun:**

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk il-fustun ta' Triq tal-Gardiel jistax jiġi rranġat.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri wieġbu illi l-fustun huwa ħażin u ma jistax jiġi rranġat. Huwa ssuġerixxa illi jekk jifdal xi arbli illi ser jinqalu minn Ġnien San Tumas inwaħħlu xi ftit minnhom hemm minflokk il-fustun.

Is-Sindku qal illi jek Triq tal-Gardiel issir *one way* mit-Tnejn sal-Ħadd u l-parkeġġ jsir two way allura ser jkun hemm bżonn li tidjieq il-bankina.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi m'hemmx fondi sabiex tidjieq il-bankina.

IL-Kunsill qabel illi minflokk tidjieq il-bankina fejn hemm bżonn ma jsirx parkeġġ fuq iż-żewġ naħat u jsiru *double yellow lines*.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi huwa tal-opinjoni illi ngibu kwotazzjoni għall-kiri tal-fustun mingħand min jarma l-armar tal-festa.

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

3.14 **Solar Powered signage (35/2798/14/I):**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera illi kellu laqgħa mas-Sur Borg tas-*Smart Light Systems Ltd* fejn qed joffru żewġ settijiet tal-*pedestrian crossing* illi jaħdmu bis-*solar* għal press ta' €1165.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jinxtraw dawn il-*pedestrian crossings* u waħda titwaħħal fi Triq il-Qaliet ħdejn il-*Graphics Bazaar* u l-oħra titwaħħal fi Pjazza Dun Tarċis Aguis faċċata ta' Ġnien Sant'Anna.

3.15 **Tabelli tal-Klieb:**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera illi ċemplulu mill-Ministeru tal-Onor Rodrick Galdes fejn infurmaw illi waħħlu t-tabelli ta' fejn jistgħu jgħumu l-klieb.

5.0 ***Aġġudikazzjoni ta' kwotazzjoni u t-Tenders:***

5.1 **MLC 02/2014 – Supply of Exterior Wall Paint (Żebgħa tar-ramel):**

| | Kuntrattur | | Ammont |
|---|---|---|---|
| 1. | Bitmac Works Ltd | Magnolia 15ltr | €38.00 |
| | | Rosso 15ltr | €68.00 |
| 2. | Macmed Ltd | Machpherson Pearltex 10ltr | €35.87 |
| | | Machpherson Pearltex 20ltr | €67.00 |
| | | Machpherson Finetex 10ltr | €36.95 |

Il-Kunsill qabel unanimament illi din l-offerta tingħata lil *Bitmac Works Ltd* peress li hija l-orħos offerta.

5.2 **KLM 2014/02 – Street Sweeping and Grass in Non Urban Roads:**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsilliera illi kien ikkomunika mad-Dipartiment tal-Kuntratti minħabba l-prekarjat fejn kien igwidah sabiex nibagħtu lid-*Director of Industrial and Employment*. Huwa żieda jgħid illi fil-fatt hekk għamilna iżda d-Direttur infurmana illi hu ma jgħatix opinjoni u kien tagħna *breakdown* tar-rati sabiex tasal għar-rata minima fis-siegħa.

Is-Segretarju Eżekuttiv kompla jispjega illi aħna bagħtna lil offerenti kollha sabiex jagħtuna r-rati tagħhom iżda l-kuntrattur Ronald Bezzina ssottommetta rata globali.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex nitolbu lil Ronald Bezzina sabiex jgħatina *breakdown* tar-rati u niffisaw ġurnata sabiex jiltaqa l-bord.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar u l-Kunsillier is-Sandro Gatt ħarġu mill-laqgħa fl-10.00pm***

4.0 ***Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet:***

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera illi pagament nru 1248 tas-seduta nru19 kien ħareġ fuq isem ħażin u ċ-ċekk irid ikun pagabbli lis-Sur Anthony Portelli.

4.2 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri talaq sabiex pagagmenti numri 1356, 1357, 1358, 1359 jiġu pendenti sakemm jiċċekja x-xogħol.

4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta pagament tal-*Crossroads Ltd* rigward xogħol ta' *patching* li jammonta għal €71,919.38

**l-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree` Attard pproponiet l-awtorizzazjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud issekonda.**

**Il-Kunsill approva unanimament.**

7.0 ***Mistoqsijiet:***

Ma kienx hemm l-ebda mistoqsija

8.0 ***Mozzjonijiet:***

8.1 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –Sur John B Camilleri (#067 - 28/4/14):**

*"Jipproponi illi jitwaħħlu żewġ lampi ġodda fil-parti il-ġdida ta' Triq il-Btieti."*

Il-Kunsill approva din il-mozzjoni.

8.2 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –Sur John B Camilleri (#068 – 2/5/14):**

*"Jipproponi illi jitwaħħlu żewġ lampi ġodda fejn ma hemmx fi Triq in-Nadur."*

Il-Kunsill approva din il-mozzjoni.

8.3 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –Sur Charlot Cassar (#069 – 13/5/14):**

*"Jipproponi li l-Kunsill Lokali ta' Marsaskala jiftaħ diskussjoni mal-Farm Advisory Service bil-għan illi tinħoloq koperazzjoni bejn iż-żewġ entitajiet. Tali koperazzjoni għandha jkollha objettivi speċifiċi u kif ġej:*

1. *Li jissaħħaħ l-għarfien fost ir-residenti tagħna dwar il-vantaġġi marbuta ma' dieta bilanċjata kif ukoll il-benefiċji f'dan ir-rigward li ndaħħlu, fid-dieta tagħna, ikel frisk Malti u lokali;*
2. *Li jinħolqu inizjattivi sabiex is-settur agrikolu vast li għandna f'Marsaskala u r-residenti tal-lokalità tagħna jersqu aktar lejn xulxin;*
3. *Li tiġi studjatha l-possibbiltà li jiġu utilizzati fondi allokati lill-Farm Advisory Service, anke Ewropej, sabiex tiġi msaħħa l-infrastruttura f'żoni agrikoli;*
4. *Li nkomplu nissalvagwardjaw is-sostenibbiltà tas-settur aggrikolu fil-lokalità tagħna għaliex din l-attività ekonomika toffri mhux biss għajxien xieraq lil bdiewa u r-raħħala iżda hija l-akbar tarka li tassigura l-ħarsien u l-protezzjoni tal-ambjent u allura il-ġid kommuni ta' Marsaskala.*

*Din il-koperazzjoni bejn il-Kunsill Lokali tagħna u l-Farm Advisory Service għandha titqies bħala proġett pilota li eventwalment jista' jitwessa' fuq bażi reġjonali."*

Il-Kunsill qabel unanimament illi jsiru d-diskusjonijiet neċessarji.

8.4 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –Sur Daniel Spiteri (#070 – 15/5/14):**

*"Jipproponi f'isem l-Ambaxxatur taż-żgħażagħ is-Sur David Massa biex isiru murals fuq ħajt tal-briks fi Triq il-Kavallieri ta' Malta min artist żagħżugħ residenti f'dik it-triq stess."*

Din il-mozzjoni ser tiġi diskussa iktar il-quddiem.

8.5 **Mozzjoni mressqa mis-Sindku –Sur Mario Calleja(#071 – 20/5/14):**

*"Jipproponi illi peress li l-klabb tal-waterpolo ta` Marsaskala, rebaħ iċ-championship tal-Winter tournament, jingħata ġieħ Marsaskala. Dan wara li s-sena l-oħra għaddejnieh il-klabb tal-futboll meta ġie promoss għat-tieni diviżjoni."*

Il-Kunsill approva din il-mozzjoni.

8.6 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier–Sur Charlot Cassar (#072 – 22/5/14):**

*"Jipproponi li l-Kunsill Lokali ta' Marsaskala jiftaħ diskussjoni mal-Awtorità Maltija għat-Trasport u dawk kollha nvoluti bil-għan li tiġi organiżżata l-bajja ta' Marsaskala. Dan l-eżerċizzju għandu jilħaq dawn l-objettivi:*

1. *Li jiġu organiżżati l-irmiġġi f'din il-bajja;*
2. *Li jiġi definit l-ispazju dedikat għal dawn l-irmiġġi u jsir l-aħjar użu minn dan l-ispazju;*
3. *Li niżguraw li jibqa' jinżamm bilanċ bejn l-għawwiema u s-sieden tad-dgħajjes;*
4. *Li jiġu tranġati s-slipways u jiġi devolut spazju alternattiv fejn jitpoġġew id-dgħajjes li bħalissa qed jitħallew fuq il-moll;*
5. *Li tissebbaħ iż-żona tal-madwar.*

*Dan l-ezercizzju għandu jsir f'konsultazzjoni wiesgħa mal-partijiet kollha konċernati inkluż wkoll ir-residenti u s-sidien tal-ħwienet."*

Il-Kunsill approva din il-mozzjoni

9.0 ***Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera:***

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri nforma lil Kunsilliera illi ser jerġa jibda l-kors tal-first aid fl-ewwel ġimgħa ta' Lulju.

10.0 ***Aġġornament:***

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-10.30p.m. Il-laqgħa li jmiss ser ssir Nhar il-Ġimgħa 27 ta' Ġunju 2014 fis-6.00pm

***Josef Grech***
Segretarju Eżekuttiv

***Mario Calleja***
Sindku